**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 15 ta` Dicembru 2015**

**Kawza Nru: 6**
**Rikors Nru: 204/2015 JZM**

**Maltese Cross Financial Services Limited qabel maghrufa bhala Island Financial Services Limited (C26960)**

***kontra***

**X**

***u***

**b`digriet tad-9 ta` April 2015 l-Awtorita` ghas-Servizzi Finanzjarji ta` Malta giet awtorizzata tintervjeni f`dan il-procediment *in statu et terminis***

**Il-Qorti :**

**I. <u>Preliminari</u>**

Rat ir-rikors prezentat fl-4 ta` Marzu 2015 li jaqra hekk :–

*1. Illi l-kumpannija rikorrenti giet kostitwita fit-18 ta` Settembru 2000 bhala kumpannija ta` responsabbiltà limitata licenzjata mill-Awtorita` ghas-Servizzi Finanzjarji ta` Malta ai termini ta` l-Att dwar Servizzi tal-Investiment (Kap. 370 tal-Ligijiet ta` Malta), liema licenzja illum tinsab sospiza kif ser jigi spjegat aktar `l isfel.*

*2. Illi Stephen Spiteri u Robert Cutajar (detenturi tal-karti ta` l-identita` bin-numri 342160M u 477672M rispettivament) huma diretturi u azzjonisti, kull wiehed f`sehem ta` hamsa fil-mija (5%) tal-ishma ordinarji tas-socjeta rikorrenti kif muri fid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok `A1` ;*

*3. Illi l-istatut tal-kumpannija rikorrenti qed jigi anness ukoll ma` dan ir-rikors u mmarkat bhala Dok `A2` ;*

*4. Illi Stephen Spiteri u Robert Cutajar saru azzjonisti u diretturi tal-kumpannija rikorrenti f`Jannar tas-sena 2013 (dak iz-zmien maghrufa bhala Island Financial Services Limited) kif indikat fid-dokumenti hawn annessi u mmarkati bhala Dok `A3` u `A4` u dan wara li s-sitwazzjoni reali tal-kumpannija giet mistura minnhom kif espost fil-protest gudizzjarju pprezentat minnhom fid-9 ta` Jannar 2015 li kopja tieghu huwa hawn anness u mmarkat bhala Dok `A5` ;*

*5. Illi fil-fatt illum jirrizulta illi qabel ma Stephen Spiteri u Robert Cutajar saru azzjonisti u konsegwentement diretturi tal-kumpannija rikorrenti, diga kien hemm numru ta` nuqqasijiet u irregolaritajiet gravissimi fi hdan l-istess kumpannija, inkluz fost affarijiet ohra, deficit qawwi fl-assi tal-klijenti tal-kumpannija rikorrenti li skont ma gie ddikjarat mill-Awtorita` ghas-Servizzi Finanzjarji ta`Malta (inter alia fil-kontro-protest taghha bin-numru 519/14 intavolat fil-5 ta`Dicembru 2014) irrizulta minn uzu hazin, manipolazzjoni u mizappropriazzjoni tal-istess assi, kif ukoll kontabilita`, kontijiet, "records", u dikjarazzjonijiet hziena, foloz u/jew qarrieqa, liema nuqqasijiet u agir doluz illum jirrizulta li kienu jirrisalu ta` lanqas sas-sena finanzjarja li ghalqet fil-31 ta` Dicembru 2008 u allura zmien qabel ma Stephen Spiteri u Robert Cutajar saru diretturi u azzjonisti fil-kumpannija rikorrenti ;*

*6. Illi n-nuqqasijiet u rregolaritajiet imsemmija baqghu mistura u mohbija mill-imsemmija Stephen Spiteri u Robert Cutajar sakemm kienu huma stess*

*li skoprewhom u rrapurtawhom minnufih lill-Pulizija u lill-Awtorita` ghas-Servizzi ta` Malta f`Awwissu tas-sena 2014 ;*

*7. Illi konsegwentement l-Awtorita ghas-Servizzi Finanzjarji ta` Malta harget numru ta` avvizi pubblici fis-7 ta` Awissu 2014, fit-12 ta` Awissu 2014 u fit-22 ta` Awissu 2014 (hawn annessi u mmarkati bhala Dok `A6`, Dok `A7`, u Dok `A8` rispettivament) fejn ikkonfermat is-sospensjoni tal-licenzja mahruga minnha lis-socjeta rikorrenti (ara avviz tas-7 ta`Awissu 2014) u numru ta` direttivi li harget fil-konfront tad-direttur manigerjali Jean Claud Bugeja personalment (ara avvizi sucitati tat-12 u 22 ta`Awissu 2014) ;*

*8. Illi konsegwentement ukoll Jean Claud Bugeja gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fis-17 ta` Settembru 2014 b`numru ta` reati kriminali in konnessjoni mal-gestjoni tieghu tal-kumpannija rikorrenti, inkluz fost ohrajn talli wettaq misapproprjazzjoni ta` somma ta` aktar minn erbgha miljun Euro (€4,000,000) ghad-dannu ta` diversi klijenti tas-socjeta rikorrenti, talli agixxa bi ksur tad-dmirijiet professjonali tieghu bhala accountant, talli ghamel dikjarazzjonijiet illi kienu foloz jew qarrieqa u li kienu jizgwidaw lill-awdituri tas-socjeta rikorrenti, talli ddistrugga, immutila, jew iffalsifika dokumenti tas-socjeta rikorrenti, u talli b` qerq iddispona minn jew biddel dokumenti tas-socjeta rikorrenti ; l-istess Jean Claud Bugeja gie akkuzat ukoll talli b`mezzi kontra l-ligi jew b`qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b`ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, ghamel qligh b`qerq ghad-dannu tal-imsemmija Stephen Spiteri u Robert Cutajar kif imfisser aktar dettaljatament fl-att ta` akkuza hawn anness u mmarkat bhala Dok `A9` ;*

*9. Illi ghar-ragunijiet kollha hawn imsemmija jidher illi l-kumpannija rikorrenti tinsab fi stat ta` falliment u li l-kontijiet awditjati tal-kumpannija rikorrenti ghal perjodi bejn 2008 u 2012 (hawn annessi u mmarkati bhala Dok `A10` sa Dok `A14`), u cioe` qabel ma Stephen Spiteri u Robert Cutajar saru diretturi u azzjonisti fl-istess kumpannija rikorrenti ma kienux jirriflettu l-qaghda reali tal-kumpannija u ghalhekk m`huwiex possibli llum li d-diretturi Stephen Spiteri u Robert Cutajar jistabbilixxu s-sitwazzjoni finanzjarja attwali tal-istess kumpannija rikorrenti ;*

*10. Illi l-Awtorita` ghas-Servizzi Finanzjarji ta` Malta baghtet ittra lill-kumpannija rikorrenti fit-28 ta` Awwissu 2014 (hawn annessa u mmarkata bhala Dok `A15`) fejn indikat il-hsieb taghha illi l-kumpannija rikorrenti ghandha titqieghed fi stralc ;*

*11. Illi l-azzjonist Jean Claud Bugeja (flimkien ma` martu Hermione*

*Bugeja) iffirma dikjarazzjoni datata l-1 ta` Settembru 2014 fejn iddikjara illi ma jopponix ghall-istralc tal-kumpannija rikorrenti (hawn annessa u mmarkata bhala Dok `A16`) ;*

*12. Illi fil-frattemp l-imsemmija Stephen Spiteri u Robert Cutajar bhala diretturi tal-kumpannija rikorrenti komplew jaqdu d-doveri taghhom sabiex jizguraw illi l-interessi tal-klijenti tal-kumpannija rikorrenti ma jigux ippregudikati ulterjorment u sabiex il-kumpannija rikorrenti tkun tista` tigi mqeghda fi stralc bl-aktar mod ordinat possibbli ; Illi fost affarijiet ohra fid-9 ta` Jannar 2015 il-kumpannija rikorrenti intavolat il-protest gudizzjarju hawn anness u mmarkat bhala Dok `A 17` sabiex thares u zzomm fermi d-drittijiet taghha fil-konfront tal-imsemmi Jean Claud Bugeja u ohrajn kif imsemmi fl-istess protest gudizzjarju ;*

*13. Illi ghar-ragunijiet kollha suesposti fil-fehma umli tal-esponenti hemm ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralc tal-kumpannija rikorrenti u llum is-sitwazzjoni hija tali illi ghandu jkun fl-interess tal-klijenti tal-kumpannija rikorrenti u tal-kredituri taghha illi dan isir minnufih. Fl-istess hin ma jidhirx illi hemm xi mizuri ohra li d-diretturi odjerni jistghu jiehdu fl-interess tal-kumpannija qabel ma din titqieghed fi stralc ;*

*14. Illi minhabba n-natura partikolari tal-kaz jehtieg illi tinhatar bhala stralcjarju persuna li ghandha l-mezzi u r-rizorsi kollha necessarji sabiex twettaq l-inkarigu relattiv u li tali persuna jkollha access ghall-esperti teknici li jista` jkun hemm bzonn biex tezegwixxi dan l-inkarigu ;*

*15. Illi d-diretturi tas-socjeta rikorrenti gew infurmati illi l-Awtorita` ghas-Servizzi Finanzjarji ta` Malta ma ghandhiex opposizzjoni li jinhatar ir-ricevitur ufficjali bhala stralcjarju a tenur ta` l-Artikolu 228 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta u dan kif jidher minn email datata 16 ta` Jannar 2015 hawn annessa u mmarkata bhala Dok `A18` ;*

*16. Illi permezz ta` decizjoni tal-bord tad-diretturi tal-kumpannija rikorrenti (hawn annessa u mmarkata bhala Dok `A19`), gie deciz ghar-ragunijiet hawn kollha premessi illi jintalab umilment illi s-socjeta rikorrenti ghandha tigi xolta u konsegwentement stralcjata minn dina l-Onorabbli Qorti skont l-Artikolu 214 (2) (b)(iii) tal-Kap. 386 u dan a tenur ta` l-Artikolu 218 (1) (c) tal-Kap. 386 ;*

*17. Illi ghalhekk il-kumpannija rikorrenti qed tipprezenta dan ir-rikors ai termini tas-subartikolu 214 (2) (b)(iii) u 218 (1) (c) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta sabiex il-kumpannija rikorrenti tigi xolta u konsegwentement stralcjata b`ordni ta`*

*din l-Onorabbli Qorti peress illi jezistu ragunijiet gravi bizzejjed illi jiggustifikaw ix-xoljiment u konsegwenti stralc tal-istess kumpannija ;*

*Ghaldaqstant, u in vista tas-suespost, l-kumpannija rikorrenti titlob illi dina l-Onorabbli Qorti joghogobha, prevja d-dikjarazzjonijiet u l-provedimenti kollha necessarji u opportuni :*

*1. Fl-istadju preliminari ta` dan ir-rikors u b`urgenza tahtar minnufih ir-ricevitur ufficjali bhala l-amministratur provizorju ai terminu ta` l-Artikolu 228 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta sabiex jamministra u jiggestixxi n-negozju tal-kumpannija rikorrenti Maltese Cross Financial Services Limited u sabiex jaqdi dawk il-funzjonijiet u setghat dwar l-amministrazzjoni tal-imsemmi negozju u dana taht id-direzzjoni ta` din l-Onorabbli Qorti ;*

*2. Tiddikjara u tiddeciedi illi hemm ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u konsegwenti stralc tal-kumpannija rikorrenti Maltese Cross Financial Services Limited ai termini tas-subartikolu 214(2)(b)(iii) u 218(1)(c) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*3. Tordna x-xoljiment u konsegwenti stralc tal-kumpannija rikorrenti ai termini tas-subartikolu 214(2)(b)(iii) u 218(1)(c) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, b`effett mill-jum imsemmi fl-artikolu 223 tal-Kap 386 ;*

*4. Taghti dawk l-ordnijiet u provvedimenti kollha li jidhrulha xierqa u opportuni waqt l-andament tal-proceduri ai termini tal-artikolu 219 tal-Kap 386 ;*

*5. Tahtar ir-ricevitur ufficjali bhala stralcjarju a terminu ta` l-Artikolu 229 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta bis-setghat u d-dmirijiet kollha skond l-artikoli 229 et sequitur tal-Kap 386 u taghti kull provediment illi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun fic-cirkostanzi.;*

*Bl-ispejjez.*

Rat id-dokumenti li kienu annessi mar-rikors promotur.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tad-9 ta` April 2015 fejn laqghet it-talba tal-Awtorita` ghas-Servizzi Finanzjarji ta` Malta sabiex tintervjeni *in statu et terminis*

fil-procediment tal-lum.

Rat illi fl-istess udjenza r-rikorrenti Stephen Spiteri u Robert Cutajar ikkonfermaw bil-gurament l-kontenut tal-atti promotorji.

Rat illi fl-istess udjenza l-Awtorita` ntervenjenti ddikjarat illi ghal dawk li huma provi hija kienet qeghda toqghod fuq l-atti.

Rat illi fl-istess udjenza r-rikorrenti talbu lill-Qorti sabiex tipprovdi dwar l-ewwel talba u cioe` l-hatra ta` Amministratur Provvizorju ghall-kumpannija de qua.

Rat illi stante li t-talba tar-rikorrenti ma kenitx opposta, il-Qorti halliet il-kawza ghal provvediment dwar l-ewwel talba tar-rikorrenti ghat-28 ta` Mejju 2015, b`dan illi tat zmien lir-rikorrenti u lill-Awtorita` ntervenjenti sabiex jindikaw x`setghat u dmirijiet kienu qeghdin jistennew illi jkollu l-Amministratur Provvizorju.

Rat in-nota kongunta li pprezentaw ir-rikorrenti u l-Awtorita` ntervenjenti fid-29 ta` April 2015.

**Rat il-provvediment illi tat fl-udjenza tat-28 ta` Mejju 2015 fejn ipprovdiet dwar l-ewwel talba tar-rikorrenti kif dedotta fir-rikors promotur billi bl-applikazzjoni tal-Art 228 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta ghaddiet sabiex tahtar lir-Ricevitur Ufficjali bhala Amministratur Provvizorju tal-kumpannija Maltese Cross Financial Services Limited (C26960) u stabbiliet il-parametri tal-hatra.**

Rat il-verbal tal-udjenza tad-29 ta` Settembru 2015.

Rat illi fl-istess udjenza, wara talba mir-rikorrenti u mill-Awtorita` ntervenjenti, halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Fatti

Maltese Cross Financial Services Limited (C26960) [minn issa `l quddiem tissejjah “is-socjeta”] kienet registrata mar-Registratur tal-Kumpanniji fit-18 ta` Settembru 2000. Il-memorandum u l-articles of association tas-socjeta` huma esebiti u mmarkati bhala Dok A2.

L-ghan principali ghala saret il-kumpannija kien *to provide investment services in terms of the Company`s Investment Services Licence issued under the Investment Services Act, 1994.*

L-azzjonisti huma :

Jean Claude Bugeja (KI 181372M) :
148,750 *ordinary `A` Shares of EUR 1 each*

Hermione Bugeja (KI 161177M) :
8,750 *Ordinary `B` Shares of EUR 1 each*

ir-rikorrent Robert Cutajar (KI 477672M) :
8,750 *Ordinary `B` Shares of EUR 1 each*

ir-rikorrent Stephen Spiteri (KI 342160M) :
8,750 *Ordinary `C` Shares of EUR 1 each.*

Id-diretturi huma r-rikorrenti, bir-rikorrent Robert Cutajar, ukoll Segretarju.

Iz-zewg rikorrenti kkonfermaw bil-gurament il-kontenut tar-rikors promotur. Minn dan l-att, jirrizulta illi qabel iz-zewg rikorrenti saru azzjonisti u diretturi tas-socjeta`, sehhew fis-socjeta` nuqqasijiet u rregolaritajiet gravi hafna, fosthom deficit qawwi fl-assi tal-klijenti tal-kumpannija. Dan wassal ghall-intervent dirett tal-Awtorita` ntervenjenti li bhala regolatur harget numru ta` avvizi fil-pubbliku (esebita minn Dok A6 sa A8 a fol 56) kif issospendiet il-licenzja tas-socjeta`. Hargu wkoll numru ta` direttivi kontra d-direttur manigerjali personalment tas-socjeta` ta` dak iz-zmien li kien Jean Claude Bugeja. Jirrizulta wkoll illi fis-17 ta` Settembru 2014, Jean Claude Bugeja kien akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja b`numru ta` reat inkluza l-misappproprijazzjoni tas-somma ta` aktar minn €4,000,000 ghad-dannu ta` diversi klijenti, illi agixxa bi ksur tad-dmirijiet professjonali tieghu bhala accountant, li ghamel dikjarazzjonijiet li kienu foloz jew qarrieqa, b`mod li kienu zgwidati l-awdituri ta` Maltese Cross Financial Investments Limited, kif ukoll illi b`qerq iddispona minn jew biddel dokumenti tas-socjeta` (ara fol 59 et seq). Barra dan dan kollu, l-Awtorita` ntervenjenti kitbet lill-kumpannija fit-28 ta` Awissu 2014 sabiex titqiegħed fi stralc.

## III. L-azzjoni tar-rikorrenti

Bl-azzjoni tal-lum, ir-rikorrenti qeghdin jitolbu x-xoljiment u l-istralc tas-socjeta` Maltese Cross Finnacial Services Limited abbazi ta` l-**Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386**.

Kif u minn min tista` ssir talba ghax-xoljiment u stralc ta` kumpannija huwa regolat bl-**Art 218 tal-Kap 386**. Skond is-subinciz (1)(c) ta` din id-disposizzjoni, meta ssir talba lill-qorti ghall-istralc ta` kumpannija skond l-Art 214(2)(b) tal-Kap 386, it-talba *għandha ssir b`rikors li jista` jsir jew mill-kumpannija wara deċiżjoni tal-laqgħa ġenerali jew mill-bord tad-diretturi tagħha jew minn xi detentur ta` obbligazzjoni, kreditur jew kredituri, jew minn xi kontributorju jew kontributorji : Iżda rikors skont il-paragrafi (b) jew (ċ) jista` wkoll isir minn xi azzjonist jew direttur tal-kumpannija.* Fil-kaz tal-lum, l-istanza kienet prezentata korrettement u fil-parametri tal-ligi ghaliex, kif jirrizulta mill-atti, ir-rikorrenti mhux biss huma diretturi tas-socjeta`, izda jikkostitwixxu l-bord tad-diretturi taghha.

Qabel tghaddi sabiex tqis id-disposizzjoni partikolari li abbazi taghha r-rikorrenti qeghdin jitolbu x-xoljiment u l-istralc tas-socjeta`, il-Qorti taghmel din l-osservazzjoni.

Wara li bid-digriet taghha tad-9 ta` Marzu 2015 (fol 151) il-kawza kienet appuntata ghas-smigh bin-*notifika tal-avviz tas-smigh tal-kawza lir-rikorrenti u lir-Registratur tal-Kumpanniji,* jirrizulta mid-dokument a fol 152 li n-notifika harget ukoll lil Jean Claude Bugeja u lil Hermione Bugeja, li pero` mit-tergo tal-istess dokument u mit-tergo tad-dokument l-iehor fol 153 ma jirrizultax illi dawn kienu notifikati.

Dan accertat il-Qorti tghid illi b`daqshekk ma jfissirx li l-istanza kif promossa ma kellhiex tipprocedi sakemm dawk il-persuni jkunu notifikati. Mhuwiex rikjest *ad validitatem* mill-Kap 386 li l-azzjonisti jkunu notifikati bir-rikors ghax-xoljiment u stralc. L-uniku riserva hija kostitwita bl-**Art 218(6) tal-Kap 386** li jaghti l*id-diretturi, is-segretarju tal-kumpannija u kull kontributorju u kreditur tal-kumpannija* l-*jedd li jaghmlu sottomissjonijiet waqt iss-smigh ta` rikors ghal stralc maghmul taht dan l-artikolu.* Fil-fehma ta` din il-Qorti, ir-referta negattiva ta` Jean Claude Bugeja u ta` Hermione Bugeja ma teffettwax ir-regolarita` ta` dan il-procediment.

Skond l-**Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386**, *kumpannija **għandha** tkun xolta bil-qorti* fil-każ illi *l-qorti tkun tal-fehma li hemm raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralċ tal-kumpannija.*

Is-sinjifikat tad-disposizzjoni huwa car.

Tithalla lill-Qorti diskrezzjoni wiesa` sabiex tistabilixxi hi jekk fil-fehma taghha jirrizultawx fatti u cirkostanzi "**gravi bizzejjed**".

Jekk tistabilixxi l-gravita`, allura minn hemm `il quddiem il-Qorti ma jibqghalhiex aktar diskrezzjoni u tkun obbligata (***ghandha***) taghmel id-dikjarazzjoni ta` xoljiment u konsegwenti stralc tal-kumpannija.

Il-Kap 386 ma jaghtix tifsira ta` x`hinuma "*ragunijiet gravi bizzejjed*".

Ghalhekk il-Qorti ma ghandha tiskarta xejn.

Sabiex tistabilixxi jekk fatti jew cirkostanzi humiex gravi bizzejjed, m`ghandhiex toqghod fuq grajjiet li jkun sehhew sad-data tal-presentata tar-rikors promotur tal-azzjoni, izda ghandha taghti piz ukoll ghal kull ma jigri anke wara, sa ma tigi biex taghti d-decizjoni taghha.

Fl-**Art 122 tal-Insolvency Act 1986** tal-Ingilterra, hemm elenku tac-cirkostanzi li jwasslu ghax-xoljiment u ghall-istralc ta` kumpannija.

Fl-Insolvency Act 1986 ma hemmx disposizzjoni identika ghal dik li tirrizulta fl-Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386.

Il-wahda li tqarreb l-aktar lejha hija l-**Art 122(1)(g)** li tghid :

*the court is of the opinion that it is just and equitable that the company should be wound up.*

Huwa evidenti anke mad-daqqa t`ghajn li d-disposizzjoni taghna hija aktar stretta fis-sens illi fil-kaz taghna l-Qorti ghandha xxolji u tistralcja meta fil-fehma taghha ikunu jirrizultaw **ragunijiet gravi bizzejjed**. Fil-ligi Ingliza, il-kriterju li

fuqu l-Qorti trid tibni l-fehma taghha huwa dak tal-**gustizzja u l-ekwita**`.

L-istrettezza tad-disposizzjoni taghna taghmel hafna sens anke ghaliex jekk il-Qorti tesprimi l-fehma li hemm ragunijiet gravi bizzejjed allura minn hemm tkun **obbligata** tordna x-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija.

Il-Qorti tghid li r-riferenza ghall-**Art 122(1)(g)** tal-Insolvency Act 1986 hija utili ghaliex il-linja li hadu l-Qrati Inglizi biex ighidu x`hinu *just and equitable* ghall-fini ta` *winding up* tghin biex tiftah tieqa lill-Qrati taghna ghall-interpretazzjoni ta` x`jistghu jkunu *ragunijiet gravi bizzejjed.*

Kull kaz ghandu l-istorja tieghu u ghalhekk il-Qorti trid tibni l-fehma taghha fuq il-fatti u cirkostanzi ta` kull kaz.

## IV. **Risultanzi**

Hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti illi hemm kumpless ta` ragunijiet li huma gravi bizzejjed sabiex is-socjeta` tigi xjolta u stralcjata.

Ir-ragunijiet huma :-

a) Ighid hekk **Andrew Muscat** dwar *disappearance of the substratum* fil-pag 1020 ta` "**Principles of Maltese Company Law**" (MUP – 2007) :-

*"A company`s substratum is the purpose or group of purposes which it is formed to achieve – in other words, its main objects. If the company has abandoned all its main objects (and not merely some of them) or if in practice it cannot achieve any of them, its substratum has disappeared …"*

Fil-kaz tal-lum, jirrizulta ppruvat illi minhabba l-agir ta` min kien imexxi s-socjeta` qabel dahlu r-rikorrenti fid-dirigenza taghha, sehhew fatti, li sahanistra li huma l-mertu ta` proceduri kriminali, li wasslu sabiex l-Awtorita` ntervenjenti tissospendi l-licenzja li biha s-socjeta` setghet tezercita l-*object* ewlieni taghha.

b) Sprovvista mill-ghan *ewlieni* li ghalih twaqqfet u li jaghtiha l-jedd taghmel negozju, jaghmel mis-socjeta` *kwazi kwazi* entita` bla ruh ghaliex ma tkunx qeghda taqdi l-ghanijiet taghha.

c) Fil-pag 1023 et seq ta` "**Principles of Maltese Company Law**" (op. cit.) **Andrew Muscat** jitkellem dwar dak li jsejjah *justifiable loss of confidence in management.*

Fil-fehma tal-Qorti, huwa ta` inkwiet, u ta` inkwiet kbir, ghal socjeta`, illi min kien imexxi socjeta` jkun mixli quddiem qorti kriminali kif kien mixli d-direttur manigerjali menzjonat mir-rikorrenti.

Lord Shaw fil-kawza "**Loch v John Blackwood**" (1924) qal hekk :-

*"It is undoubtedly true that at the foundation of applications for winding up, on the "just and equitable" rule, there must lie a justifiable lack of confidence in the conduct and management of the company`s affairs. But this lack of confidence must be grounded on conduct of the directors, not in regard to their private life or affairs, but in regard to the company`s business. Furthermore the lack of confidence must spring not from dissatisfaction at being outvoted on the business affairs or on what is called the domestic policy of the company. On the other hand, wherever the lack of confidence is rested on a lack of probity in the conduct of the company`s affairs, then the former is justified by the latter, and it is under the statute just and equitable that the company be wound up."*

d) Ighidu l-awturi **Jonathan Law u Elizabeth A Martin** fid-**Dictionary of Law (7th Ed.)** illi :-

*"A compulsory winding-up on grounds of fairness under the Insolvency Act 1986 [s 122(1)(g)] … may occur, for example, when the purpose of the company cannot be achieved, when the management is deadlocked or* ***has been guilty of serious irregularities****, or, in small companies run on the basis of mutual trust between members, when the majority have exercised their legal rights in breach of a common understanding between the members when the company was formed."* (enfazi mizjud)

Dan kollu premess, fil-kaz tal-lum, jidher illi l-qaghda reali tas-socjeta` baqghet mistura ghar-rikorrenti kif jirrizulta evidenti mill-protest gudizzjarju esebit a fol 36 et seq.

Irrizulta li l-kontijiet awditjati tas-socjeta` ghaz-zmien ta` bejn l-2008 u l-2012 mhux jirriflettu l-qaghda reali tas-socjeta`.

Jidher li r-rikorrenti mhux f`qaghda li jistabilixxu s-sitwazzjoni tas-socjeta`.

**Ma hija felici xejn, anzi hija <u>gravi hafna</u> l-qaghda tas-socjeta` meta tqis illi meta si tratta ta` socjeta` li ghandha bhala fondament taghha l-fiducja tan-nies ghaliex tittratta investimenti, issib lid-dirigent ewlieni taghha jispicca mixli quddiem qorti ta` gurisdizzjoni kriminali bi ksur tal-ligi, bil-konsegwenza li s-socjeta` tispicca sospiza mil-licenzja li topera.**

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi dwar l-istanza tar-rikorrenti billi :-**

**1) Riferibbilment ghat-tieni talba, tiddikjara u tiddeciedi illi fir-rigward tal-kumpannija Maltese Cross Financial Services Limited (C26960) jirrizultaw ippruvati sal-grad rikjest mil-ligi r-rekwiziti tal-Art 218(1)(c) tal-Kap 386 u tal-Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**2) Riferibbilment ghat-tielet talba, tordna x-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija Maltese Cross Financial Services Limited (C26960) b`effett mil-lum, kif ighid l-ewwel proviso tal-Art 223(1) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**3) Tiddisponi mill-bqija tat-talbiet tar-rikorrenti billi tahtar lir-Ricevitur Ufficjali bhala stralcjarju tal-kumpannija Maltese Cross Financial Services Limited (C26960) bis-setghat u bid-dmirijiet kollha li huma stabbiliti fil-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**4) Bla hsara ghall-generalita` ta` dawk is-setghat u dmirijiet :–**

**(a) wara li jikseb dikjarazzjoni dwar il-qaghda tal-kumpannija de qua, kif irid l-Art 226 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, jaghmel rapport lill-Qorti, kif irid l-Art 227 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta ;**

**(b) jaghmel verifika ta` l-assi u tad-djun tal-kumpannija de qua u, jekk ikun il-kaz, dwar il-gradwazzjoni tad-djun ;**

**(c) jiehu taht il-kustodja jew kontroll tieghu l-assi kollha tal-kumpannija de qua, kif ighid u jrid l-Art 237 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta ;**

**(d) jaghmel jew jiddefendi kull azzjoni jew procediment legali iehor fl-isem u fl-interess tal-kumpannija de qua ;**

**(e) jirrelata dwar il-mizuri mehtiega ghall-harsien tal-assi li fadal tal-kumpannija de qua ;**

**(f) jipprezenta r-rapport mhux aktar tard minn tliet (3) xhur mil-lum.**

**5) Bl-applikazzjoni tal-Art 236(2) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, tordna lill-kumpannija Maltese Cross Financial Services Limited (C-26960) sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment, inkluzi l-ispejjez u d-drittijiet kollha tal-Amministratur Provvizorju, l-ispejjez u d-drittijiet kollha tal-istralcjarju, kif ukoll l-ispejjez l-ohra tal-istralc.**

**Thalli l-istralc ghall-udjenza ta` nhar il-Hamis, 7 ta` April 2016 fid-9.00 a.m.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**